**Statement tal-Inġ. Samuel Bonanno u Dr Inġ. Brian Micallef.**
**6 ta' Awissu 2022**

*Għall-attenzjoni ta':*
- ***Il-Malta Association of Professional Engineers (MAPE).***
- ***Il-Kamra tal-Inġiniera (COE).***
- ***Il-Bord tal-Professjoni tal-Inġiniera.***
- ***Il-Komunita' tal-Inġiniera f'Malta u f'Għawdex.***

Aħna, is-sottofirmati, l-Inġ. Samuel Bonanno u Dr Inġ. Brian Micallef nagħmlu referenza għall-ittra maħruġa mill-Bord tal-Inġiniera u ffirmata mhux miċ-*Chairperson,* iżda mis-segretarju, datata 5 ta' Awissu 2022 b'risposta għall-istqarrija li ħriġna aħna fl-20 ta' Lulju 2022, ukoll mehmuża mal-ittra tal-Bord.

Aħna l-Inġ. Samuel Bonanno u Dr Inġ. Brian Micallef insostnu w nikkonfermaw dan li ġej:

1. Il-Mandat ta' Inibizzjoni maħruġ mill-Onor. Imħallef Dr. Francesco Depasquale għadu fis-seħħ u jorbot lill-membri preżenti, kif ukoll dawk futuri tal-Bord. Din hija l-ordni tal-Qorti tal-5 ta' Novembru 2020 li aħna nsegwu f'kull ħin u f'kull moment, mingħajr eċċezzjoni, sakemm ningħataw direzzjoni oħra mill-Qorti.

2. L-emendi ddaħħlu fil-Liġi b'mod misterjuż iżda mhux mill-Bord. L-emendi issa huma parti integrali mil-Liġi, u għalhekk huma ħaġa waħda mil-Liġi. Meta l-Liġi tkun qed titħaddem, tkun qed titħaddem kollha kemm hi u mhux bil-biċċiet kif qed issostni l-Bord.

3. Fid-digriet maħruġ mill-Qorti fit-3 ta' Ġunju 2022, il-Qorti, filwaqt li ma waqqfitx il-Bord, sostniet li ma kienitx se tiddeċiedi fuq it-talba għall-protezzjoni tagħna sabiex ma tippreġudikax il-Kawża li hemm quddiem l-istess Qorti. Il-Qorti ma qaletx li m'għandniex raġun. Il-Qorti qalet dan "*Għalhekk ma hemm ebda lok li jingħata xi sanzjonijiet jew provediment dwar dak mitlub **<u>f'dan l-stadju.</u>***" (Ara t-tieni paġna tal-ittra tal-Bord)

4. Huwa għalhekk ċar għal kullħadd li l-Qorti ***<u>f'dan l-istadju</u>*** ħalliet din it-talba miftuħa u ***<u>ser tiddeċiedi</u>*** fuqha fi stadju ieħor sussegwenti li ***<u>ser iseħħ ċertament</u>***.

5. Fid-dawl tar-rikorsi tagħna għall-protezzjoni tal-Qorti, il-Qorti qatt ma tagħtna l-ebda "*clearance*" biex inkomplu nattendu l-laqgħat.

6. ***F'dan l-istadju*** aħna għandna l-konfort tar-rikorsi li ppreżentajna fil-Qorti, kif ukoll il-fatt li aħna b'osservanza assoluta tal-Mandat ta' Inibizzjoni ma attendejniex il-laqgħat tal-Bord minn meta daħlu fis-seħħ l-emendi fil-Liġi u dan biex nevitaw sanzjonijiet serji ħafna li l-Qorti setgħat timponi fuqna għal ksur tal-Mandat. Ta' min ifakkar li l-ewwel Rikors sar f'Settembru 2021 u t-tieni Rikors sar f'Diċembru 2021 bil-Qorti tgħatti id-deċiżjoni tagħha fit-3 ta' Ġunju 2022, perjodu ta' tmien xhur.

7. Aħna se nkomplu nfittxu l-Protezzjoni tal-Qorti għax nemmnu bis-sħiħ li d-dħul b'mod misterjuż tal-emendi fil-Liġi, iwassal għal ksur tal-Ordni tal-Qorti meta l-Liġi li hija ħaġa waħda titħaddem. Għalhekk kien hemm u għad hemm bżonn ta' direzzjoni ċara mill-Qorti. ***F'dan l-istadju***, kulħadd, kemm preżenti, ***inkluż aħna***, kif ukoll dawk futuri huma soġġetti għal-Ordnijiet u possibbilment sanzjonijiet tal-Qorti.

8. Ir-risposta tal-Bord ma tagħti ebda garanzija li ma jittieħdux passi legali kontra l-Membri tal-Bord preżenti u dawk futuri jekk jinstabu mill-Qorti li kisru l-Ordni tal-Qorti. Issa lejlet l-elezzjoni l-Bord qed jipprova joħloq realtà oħra. Wieħed għandu jistaqsi għaliex?

9. Fl-aħħar nistqarru li kieku l-Bord tmexxa kif kellu jitmexxa u mhux b'nuqqas ta' armonija kif innotat mill-Qorti stess, u x-xewqat tal-Komunità kollha tal-Inġinerija kienu ġew rispettati, il-Bord kien jitmexxa b'mod ferm aħjar u għall-ġid u l-gwadan tal-Inġiniera kollha.

10. Aħna se nkomplu nagħmlu d-dmir tagħna lejn l-Inġiniera Professjonisti kollha. Għalina l-Professjoni tal-Inġinerija tieħu prijorità u dan urejnieh u wettaqnieh bil-provi, speċjalment bl-azzjonijiet tagħna fil-Qrati Ċivili.

11. Nerġgħu ntennu li f'dawn iċ-ċirkustanzi serji ħafna, aħna ser nippreżentaw il-kandidatura tagħna għall-elezzjoni tal-Membri eletti fuq il-Bord tal-Professjoni tal-Inġiniera. Dan nagħmluh b'obbligu lejn l-Inġiniera kollha sabiex tiġi salvagwardjata l-Professjoni tagħna, b'rispett f'kull ħin u f'kull mument tal-Liġijiet ta' Malta u l-Ordnijiet tal-Qorti.

Tant biex kull Inġinier ikun infurmat sewwa.

Ing. Samuel Bonanno

B. Micallef

Dr Inġ. Brian Micallef.